MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Numru 887/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**
**V**

**MARK LAWRENCE RIZZO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK LAWRENCE RIZZO** ta' erbghin sena bin Emanuel u Doris nee Spiteri, imwieled l-Ingilterra nhar t-tmienja ta' Lulju 1965 u residenti 50, Triq s-Sliema, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 216383M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fid-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2005 u fiz-zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet

foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqeda b'qerq iehor jew ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew krediti mmaginarji jew sabiex jqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' sitt elef lira maltin ghad-dannu ta' Nathaniel Gatt;

2. talli fl-istess cirkostanzi, ghamel qligh ta' sitt elef lira maltin ghad-dannu ta' Nathaniel Gatt;

3. talli fl-istess cirkostanzi, dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra mis-somma ta' aktar minn sitt elef lira maltin li giet fdata jw ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, ghad-dannu ta' Nathaniel Gatt u Raymond Sultana;

4. Talli sar recediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kkundannat ghal reati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati u tal-Appell li saru definittiv.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti esibiti fosthom s-sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar s-sebgha ta' Lulju 2003 per Magistrat Dottor Antonio Mizzi [dok S a fol 81], l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tletin ta' Settembru 2005 [dok CSH 12 a fol 21] u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tlettax ta' Gunju 2006 [fol 89] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 [fol 90]

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju, kif wkoll x-xhieda prodotta mid-difiza.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tlieta ta’ Novembru 2005 **xehed l-Ispettur Joseph Cordina** [fol 25] fejn qal li dan il-kaz beda fuq rapport li Nathaniel Gatt ta’ sitta w ghoxrin sena minn B’Bugia ghamel wara li kien sar jaf li l-imputat presenti fl-awla f’dawk l-ahhar xhur kien gidmu s-somma ta’ circa sitt elef lira maltin.

Nathaniel Gatt kien allega li hu kien originarjament ta lil imputat s-somma ta’ elf lira maltin biex jixtri xi *equipment* ghal *confectionery*. Ix-xhud spjega li Nathaniel Gatt huwa fin-negozju tal-helu u kien thajjar li jiftah ghar-rasu u kien ghalhekk li ta lil imputat l-elf lira biex dan jixtrilu xi affarijiet, u cioe apparat, bi prezz irhis. Ix-xhud zied jghid li xi zmien wara l-imputat kien rega’ avvicina lil Nathaniel Gatt u qallu li l-merkanzija kienet waslet izda kellu bzonn aktar flus biex ihallas ghat-trasport u *storage* u Nathaniel Gatt ta tlett mija u hamsin lira ohra lil imputat.

Zied jghidlu li xi zmien aktar tard, l-imputat rega’ avvicinah u qallu li kellu numru ta’ klijenti li hu [l-imputat] kien isellifhom xi flus ghal qligh tajjeb u kellu bzonn elf lira ohra b’urgenza, liema somma flus kien ser jaghtihomlu lura bil-hamsin lira fil-gimgha u peress li dan emmnu, ghaddielu elf lira ohra u l-imputat beda jhallsu lura bil-hamsin lira maltin fil-gimgha.

Ix-xhud kompla jghid li dan Gatt qallu wkoll li xi erbgha gimghat wara, wara li kien ircieva l-hamsin lira kull gimgha, l-imputat rega’ talbu elf u hames mitt lira ohra bl-iskuza li kien hemm persuna li kellha tifla li kellha bzonn titla l-Ingilterra ghal operazzjoni urgenti u Gatt, rega’ ceda u tah l-elf u hames mitt lira li talbu. Qallu li wara dak z-zmien, l-hamsin lira fil-gimgha waqfu u Nathaniel Gatt ma rcieva ebda flejjes ohra minghand l-imputat. Beda ghaddej z-zmien u Nathaniel Gatt beda jfittex lil imputat u dan tal-ahhar kien dejjem jghidlu li s-*supplier* tal-*confectionery equipment* kien qed jiffittah u jitolbu elf lira ohra bhala depozitu. Nathaniel Gatt qal lil imputat li hu ma kellux daqstant flus x’jaghtih u peress li l-imputat kien weghdu li kien lest li jhallsu xi haga minnhom, Nathaniel Gatt waqa fil-lixka w ghaddielu erbgha mija u hamsin lira

ohra, dejjem bit-tama li dan l-apparat fl-ahhar jasal ghandu.

Ghadda ftit taz-zmien iehor u l-imputat rega’ avvicina lil Nathaniel Gatt u talbu biex jghamlu *joint venture* biex jixtru flimkien xi xorb alkoholiku bi prezz baxx u b’hekk jaqilghu aktar u talab lil Nathaniel Gatt johrog elf u sebgha mitt lira maltin ohra, daqs kemm kien ser johrog hu [l-imputat] u ghal darb’ohra Nathaniel Gatt rega’ waqa fil-lixka w ghadda lil imputat s-somma ta’ elf u sebgha mitt lira maltin. Nathaniel Gatt allega max-xhud li b’kollox l-flus li kien ta lil imputat kienu jammontaw ghal sitt elef lira maltin.

Dan ix-xhud kompla jghid li Nathaniel Gatt spjegalu li xi zmien qabel kellu incident tat-traffiku fejn il-karozza tieghu sfat milquta minn vettura ohra w ix-xufier tal-vettura l-ohra, u cioe certu Raymond Sultana minn B’Bugia li ghandu hanut f’Santa Venera, ma kienx ghadu hallsu u li l-imputat kien sar jaf b’dan u qal lil Nathaniel Gatt li kien ser igiblu l-flus minghand Raymond Sultana hu. Nathaniel Gatt zied jghidlu li l-imputat mar ghand Raymond Sultana bl-iskuza li jigi kuginuh u talbu l-flus u dan tah tmenin lira bl-intendiment specifiku li jghaddihom lil Nathaniel Gatt biex jehles mill-obbligazzjoni tieghu. Qallu wkoll li hu ma kienx jaf x’kien ghamel l-imputat u sar jafu biss meta fettillu jcempel lil Raymond Sultana hu biex jitolbu l-flus u Raymond Sultana qallu li kien ghaddihom lil kuginuh xi zmien qabel.

Nathaniel Gatt spjegalu kif l-imputat kien dejjem jinsisti mieghu biex jaghtih l-flus u hu kien jirrifjuta li jaghtih aktar tant li darba minnhom l-imputat mar fuqu u qallu li l-pulizija kienu arrestaw lis-*supplier* li suppost kellu jipprovdi l-apparat ghal *confectionery* u fuq il-mobile ta’ dan s-supplier sabu xi SMS’s tieghu u tal-imputat u kien hemm cans li jigu arrestati. L-imputat qal lil Nathaniel Gatt wkoll, li kellu xi spettur fis-CID li kien habib tieghu li kien talbu elfejn lira biex il-kaz jieqaf hemmhekk. Ix-xhud zied jghid li hawnhekk Nathaniel Gatt mar ghand l-avukat tieghu u qallu b’dak li kien allega l-imputat u sar jaf li kien hemm spettur bl-isem ta’ Chris Pullicino s-CID u peress li beda

jissuspetta hazin fl-imputat, Nathaniel Gatt qallu li kien jaf li hemm spettur bl-isem Chris Pullicino u qallu li kien sejjer ikellmu, pero l-imputat qallu biex ma jmurx peress li kien imsiefer dak z-zmien u li kif ikollhom l-flus f'idejhom, kienu ser jaghtuhom lil assistent tieghu.

Nathaniel Gatt qal lix-xhud li hu kien beza', ghaliex lil dan l-assistent hu ma kienx jaf min hu u ma kienx jaf kienx veru pulizija u ma kienx lest li johrog aktar flus, pero l-imputat baqa jissikkah sahansitra anke wrieh *warrant of arrest* u qallu li bih kienu ser jitfghuhom l-habs u jekk hu [l-imputat] imur il-habs kien ser jigbed lilu [Nathaniel Gatt] mieghu u tant beza' li mar jaghmel rapport l-ghassa z-Zurrieq nhar t-tmintax ta' Settembru 2005 fejn s-Surgent 739 Borg hadlu r-rapport tieghu. Nathaniel Gatt kien anke talab li l-imputat jinghata *warning* sabiex ma jibqax jigri warajh w is-Surgent hekk ghamel (vide fol 41).

Ix-xhud Spettur Joseph Cordina kompla jixhed li hu tkellem wkoll mal-imputat wara li arrestah nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru fuq mandat mahrug mill-Magistrat Dottor Joseph Cassar. Spjega li l-imputat mieghu kien ammetta l-bicca xoghol tat-tmenin lira li kien gabar minhabba dik il-kollizzjoni, qal li dawk l-flus veru kien gabarhom u li ma tahomx lil Nathaniel Gatt, izda qallu li tahom lit-tfajla tieghu li hi mpjegata ma Nathaniel Gatt, peress li Nathaniel Gatt ma kienx jaghtiha paga. Zied jghid li wara li tah s-solita twissija, l-imputat irrilaxxja stqarrija [fol 21] w anke ghazel li jiffirmha u zied jghidlu li kull ma qal Nathaniel Gatt, salv ghal bicca xoghol tat-tmenin lira, kien kollu gideb. Cahad li qatt ha xi flus minghandu u li Nathaniel Gatt kien dejjem jara kif jaghmel biex jisloh flus lin-nies.

Illi nhar t-tlieta ta' Novembru 2005 **xehed Nathaniel Gatt** [fol 29] fejn qal li hu jahdem bhala kok u li kien ilu jaf lil imputat presenti fl-awla minn Frar 2005 peress li johrog m'oht l-gharusa li kellu. Ikkonferma li kien mar ghand l-Ispettur Joseph Cordina jaghmel rapport fil-konfront tal-imputat. Qal li hu kien ghamel zmien jahdem f'dolceria u l-imputat kien hajjru jiftah ghal rasu. Qal li hu ma ma kellux flus bizzejjed biex jaghmel dan u l-imputat kien

qallu li kien lest li jgiblu apparat bl-irhis u kien talbu elf lira, u hu hekk ghamel, tahomlu b'dan li l-apparat in kwistjoni kellu jasal f'April. Spjega li wara ftit taz-zmien l-imputat kien rega' talbu tlett mija u hamsin lira ohra sabiex jikru garaxx u vann biex jingieb l-apparat.

Zied jghid li wara xi zmien l-imputat qallu li kellu habib li ried isellfu xi flus peress li ma jahdimx u b'hekk ikun jista jghix bl-imghax tieghu u talbu elf lira ohra ghal dan il-habib tieghu u li din t-terza persuna kienet lesta li taghtih hamsin lira fil-gimgha mghax u hu hekk ghamel, tah elf lira ohra. Ikkonferma li b'hekk hu, sa dak il-hin, kien ta lil imputat elfejn tlett mija u hamsin lira b'kollox.

Sussegwentement l-imputat kien tah hamsin lira erbgha darbiet u mobile pero l-elf lira li kien tah ma hadhom lura qatt. Kompla jghid li hu kien jistaqsi lil imputat f'hiex kien wasal l-apparat peress li riedu u l-imputat rega' talbu elf lira ohra bhala depozitu u peress li ma kellux dak l-ammont tah biss erbgha mija u hamsin lira u l-imputat qallu li kien ser johrog l-kumplament hu. Wara ftit zmien l-imputat kien rega' mar ghandu, wara li kien tah elfejn u tmien mitt lira, u qallu li habib tieghu, certu Salvu, kellu tifla l-isptar l-Ingilterra li kellu bzonn somma ta' elf u hames mitt lira u talabhomlu. Qallu wkoll li kien lest li jaghtihomlu lura.

Ix-xhud qal li qal lil imputat li ma kellux dawk il-flejjes, pero l-imputat dakinhar baqa jinsisti mieghu u jibki w ghalhekk spicca tahomlu wkoll. Qal li kienu ghamel *party* ghat-tfajla u bint l-imputat, li swieh mija w erbatax il-lira, u l-imputat qatt ma hallsu tieghu. Zied jghid li l-imputat f'xi zmien kien talbu jaghmlu xoghol bi shab u ghalhekk tah s-somma ta' elf u sebgha mitt lira, peress li l-imputat kien qallu li kien qed idur il-hwienet jistaqsihom riedux xorb u kien peress li emmnu, hu tahomlu. Ikkonferma li spicca biex ta lil imputat s-somma komplessiva ta' sitt elef mija w erbatax il-lira (LM60,14).

Ix-xhud kompla jispjega li darba minnhom kellu kaz ta' kollizzjoni u sofra hsarat fil-vettura fl-ammont ta' tmenin lira w il-persuna li habtet mieghu, certu Sultana, baqa ma

hallsux dan l-ammont u meta cempillu, qallu li kien baghat dawn il-flejjes ma certu kugin tieghu Mark Lawrence Rizzo, li fil-verita l-imputat ma jigi xejn minnu. Irrizultalu wkoll li l-imputat kien qal lil dan Sultana li kien ghadu kemm hareg mill-habs. Qal li l-imputat kien sar jaf b'din il-kollizzjoni peress li kien tkellem mieghu u qallu ma min kien habat.

Zied jghid li wara xi zmien hu kien talab lil imputat jirrangaw l-affarijiet ta' bejniethom u qallu li ma riedtx qligh minn fuqu; ried biss flusu lura u l-imputat kien qallu li kien ser jaghtih flusu lura u peress li missieru kien ghamel xi zmien l-isptar, ma kienx kellmu aktar fuqhom. Qal li wara ftit taz-zmien kien baghat messagg lil imputat jistaqsih fuq missieru, u l-imputat kien marlu r-*restaurant* fejn kien jahdem u qallu li kellu jhallas elfejn lira bhalu peress li kienu sabu l-mobile tal-persuna li suppost kellha tfornih bl-apparat, meta mhux suppost li kellu jgib dak l-apparat u li biex jiffrankaw li jmorru l-habs kellu jaghtih elfejn lira. L-imputat kien qallu li hu kien gia hallashom u zied jghidlu li l-flus tieghu kellhom jghaddu ghand l-Ispettur Chris. Qal li meta staqsa lil imputat fejn kellu jsib lil dan l-Ispettur Chris, l-imputat kien wiegbu li kellu jsibu s-CID. Qal li hu kien staqsa pulizija habib tieghu jekk dan l-Ispettur Chris jezistix verament, dan kien qallu li verament kien hemm Spettur Chris u cioe l-Ispettur Chris Pullicino.

Zied jghid li meta staqsa lil imputat jekk kienx l-Ispettur Chris Pullicino li kien qed jirreferi ghalih, l-imputat kien wiegbu fl-affermattiv, pero zied jghid li dak z-zmien kien imsiefer u li kellu jistenna sakemm jigi lura minn barra biex jaghtih l-flus. Qal li fuq dan l-imputat kien qallu li setghu jitkellmu mal-assistent ta' dan l-Ispettur u peress li hu ma fdax lil imputat, (peress li pulizija habib tieghu kien qallu biex ma jafdahx), mar ghand l-avukat tieghu u qallu l-istorja kollha.

Spjega kif darba minnhom kienu l-flat tal-imputat, fejn kien hemm t-tfajla tieghu u tal-imputat, u Mark qallu li jekk ma kienx lest li jhallsu s-somma ta' elfejn lira, hu kien ser jerga jiehu lura l-elfejn lira li kien ta lil dan l-Ispettur u b'hekk jispiccaw il-habs, u li jekk dan isir, hu kellu

jisparixxi.  Zied jghid li darba minnhom fil-festa ta’ Hal Kirkop, kien mar l-imputat fuqu u rega’ talbu jhallsu elfejn lira pero dakinhar qallu li ma kellux dawk l-flus.  L-imputat kien qallu wkoll li hu kien lest li johrog il-kumplament, pero x-xhud qallu biex ma johroglu xejn u l-imputat beda jsabbat u jdahhal idejh fuq wara, speci qisu ser johrog xi haga mill-but, u qallu li jekk hu jispicca l-habs, kien ser jaghtih tir u peress li dahlu n-nies bejniethom dakinhar, l-imputat telaq lil hinn u sussegwentement kien sab lit-tfajla tieghu u qalilha biex tlestilu l-fjuri ghax l-ghada kien ser ikollu l-funeral.  Ikkonferma li hu kien ghamel rapport l-ghassa z-Zurrieq dwar dan.  Qal li wara kien inqala l-incident tal-karozza u peress li ma felahx aktar mar l-ghassa B’Bugia w ghamel rapport hemmhekk u sussegwentement kien baghat ghalih l-Ispettur Joseph Cordina w infetah l-kaz odjern.

Meta gie muri r-rapport datat disgha w ghoxrin ta’ Settembru 2005, markat bhala dokument CSH 13, ix-xhud ikkonferma li dak hu r-rapport li ghamel hu lil pulizija.  Zied jghid li minn dakinhar hu ma kkomunikax aktar mal-imputat u lanqas ma rcieva flus minghandu.

Illi nhar d-disgha ta’ Dicembru 2005 **xehed PS 739 Michael Borg** [fol 39] w esibixxa l-okkorrenza mhejjija minnu nhar t-tmintax ta’ Settembru 2006, liema dokument gie mmarkat PS [fol 41].

Illi minn ezami tal-okkorrenza jirrizulta li nhar t-tmintax ta’ April 2005, ghal habta tal-hamsa w kwart ta’ wara nofsinhar, Nathaniel Gatt irrapporta fl-ghassa tal-puliizja ta’ Hal Kirkop, li l-imputat Mark Lawrence Rizzo kien dahal fil-hanut fejn hu jahdem f’Hal Kirop w heddu bil-kliem ‘Intik zewg tiri w nhallik f’ghadira jekk jigbruni minhabba fik’. Jirrizulta wkoll li Nathaniel Gatt kien informa lil pulizija li sa dakinhar l-imputat kien ingannah s-somma ta’ hamest elef lira maltin sabiex jixtrilu apparata konness mal-operat ta’ *confectionery*, liema apparat ma wasal qatt.  Jirrizulta li l-pulizija ikkomunikat mal-imputat, li minn naha tieghu skuza ruhu ma Nathaniel Gatt fuq t-telefon.

Illi nhar d-disgha ta’ Dicembru 2005 **xehdet Nicolette Vassallo** [fol 43] fejn qalet li lil imputat presenti tafu peress li hu l-gharus ta’ oththa. Qalet li hi kienet tmur ghand ohtha u kienet tarah hemmhekk. Ziedet tghid li hi ghamlet xi zmien tohrog ma certu Nathaniel Gatt, u li ma kienetx ghadha tohrog mieghu, pero fiz-zmien li kienet tohrog mieghu, kienet tara lil imputat wkoll.

Mistoqsija jekk qatt rat lil Nathaniel Gatt jghaddi xi flus cash lil imputat f’idejh, x-xhud wiegbet fin-negattiv ghalkemm gieli kienet tkun ma Nathaniel Gatt waqt li kien ikun quddiem il-bank jirtira xi flus mill-BOV B’Bugia u dakinhar maghhom kien hemm wkoll l-imputat. Qalet li dakinhar, fil-bank nizel biss Nathaniel Gatt. Qalet li meta staqsietu x’kien ser jaghmel b’dawk l-flus, hu kien qalilha li kien sejjer jigbidhom biss.

Spjegat pero li hi u Nathaniel Gatt kienu marru l-bank u l-imputat kien mar ghal rasu pero kien barra u meta Nathaniel Gatt hareg mill-bank dakinhar, kien ghadda envolopp lil imputat. Qalet li Nathaniel Gatt ma kienx dahal b’dak l-envelopp l-bank, hareg bih mill-bank biss. Ziedet tghid li Nathaniel Gatt kien qalilha li jispera li l-imputat kien ser jaghtih l-flus lura u hi kienet wegbitu fis-sens li hu kien jaf x’kien ghamel mal-imputat, u li kellu jara li dak li jaghmel, jghamlu sew. Qalet li bejniethom hi qatt m’indahlet u li mhux darba iltaqghu kollha flimkien.

Qalet li darba minnhom kien hemm argument bejn l-imputat u Nathaniel Gatt u dan tal-ahhar beda jghid lil imputat ‘ara kif ser nghamlu fuq il-flus’ u l-imputat kien wiegbu ‘<u>issa nirrangaw kollox</u>’. Qalet li l-affarijiet mhux dejjem irrangawhom bejniethom. Mistoqsija mill-Qorti jekk qattx l-imputat qal lil Nathaniel Gatt li ma kellux jaghtih, x-xhud wiegbet fin-negattiv, kien jghidlu ‘mhux dejjem l-affarijiet trangaw bejnietna’. Qalet li l-argument kien wiehed shun bejn l-imputat u Nathaniel Gatt. Mistoqsija jekk dakinhar kienx hemm xi theddid, ix-xhud wiegbet li ma tiftakarx.

Illi nhar d-disgha ta’ Dicembru 2005 **xehdet Denise Vassallo** [fol 45] fejn qalet li hi tahdem ma Nathaniel Gatt.

Mistoqsija jekk kien hemm xi problemi dwar pagi ma Nathaniel Gatt, ix-xhud wiegbet li ma kienx hemm, ghaliex dejjem thallset. Qalet li lil imputat odjern kienet tafu peress li kien johrog ma ohtha l-kbira. Mistoqsija jekk l-imputat qattx taha xi flus wiegbet li qatt ma taha u li qatt ma gergret mal-imputat li Nathaniel Gatt ma kienx qed jaghtiha flus.

Illi nhar s-sbatax ta’ Mejju 2006 **xehed Raymond Sultana** [fol 78] fejn qal li hu ghandu negozju zghir ta’ *confectionery* f’Santa Venera. Mistoqsi jekk jafx lil Nathaniel Gatt ix-xhud wiegeb fl-affermattiv peress li kellu incident awtomobilistiku mieghu. Qal li huma rrangaw fis-sens li obbliga ruhu li jhallas lil Gatt ghal hsarat li kienu jammontaw ghal tmenin lira. Mistoqsi jekk effettivament kienx hallas s-somma ta’ tmenin lira lil Nathaniel Gatt, ix-xhud wiegeb li iva izda mhux lilu direttament. Qal li Nathaniel Gatt kien baghat wiehed u hu kien tah s-somma ta’ tmenin lira. Spjega li din il-persuna li kien baghat Nathaniel Gatt, kienet qaltlu l-istess diskors li kien ftiehem ma Nathaniel Gatt u hu kien talbu tmenin lira u hu tahomlu. Kien qallu ‘Int Raymond Sultana” u hu qallu li kien u din il-persuna, li ma setghax jgharfu, kien qallu ‘jien dak ta’ Nathaniel, gejt ghal flus’ u hu kien tahomlu. Zied jghid pero li lil din il-persuna hu ma jgharafhiex.

Illi nhar s-sbatax ta’ Mejju 2006 **xehdet s-Supretendent Alexandra Mamo** [fol 80] fejn esebiet sentenza moghtija fil-konfront tal-imputat odjern mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Tonio Mizzi datata sebgha ta’ Lulju 2003, fejn hi kienet l-Ufficjal Prosekutur, liema sentenza giet immarkata bhala dokument S [fol 81].

Illi nhar s-sbatax ta’ Mejju 2006 **xehed PC 1235 Warren Magri** [fol 84] fejn ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Joseph Cordina kif wkoll tal-imputat presenti fl-awla fuq kull faccata tal-istqarrija rilaxxjata mill-istess imputat esibita bhala dokument CSH 12 a fol 21 tal-atti, liema stqarrija giet rilaxxjata wara li kien inghata s-solita twissija.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Novembru 2006 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 96] fejn qal li l-gharus ta’ oht l-gharusa li kellu, certu Nathaniel Gatt, kellu bzonn xi flus u peress li huwa kkonsidra din s-sitwazzjoni bhala wahda familjari, huwa ghogbu jsellfu somma flus.  Qal li dan Nathaniel Gatt diversi drabi mar ghandu sabiex jitlob lil oht l-gharusa tieghu li kienet mieghu biex issellfu xi flus peress li hu kellu negozju u din minn naha taghha staqsiet lilu x’kellha taghmel u hu qalilha li dawk kienu flusha u setghet taghmel dak li riedet hi bihom.

Ix-xhud qal li t-tfajla tieghu jisimha Alison u li din fil-fatt spiccat sellfitu hamest elef lira.  Zied jghid li wara tlett xhur kienet talbitu biex jistaqsi lil Nathaniel Gatt biex jittornalha flusha.  Spjega li sussegwentement oht Alison, ma baqghetx tohrog ma Nathaniel Gatt, u dan ipprova jaghmel azzjoni fil-konfront tieghu.  Qal li hu mar talbu l-flus u dan nonostante qallu li kien imkisser u biex jhallih bi kwietu.  Zied jghid li darba kien cempillu xi pulizija mill-ghassa Zurrieq u qallu biex ma jibqax jigri wara flusu u biex ihalli lil Nathaniel Gatt bi kwietu. Qal li ma kellux dokumenti x’juri li Alison sellfet flus lil Nathaniel Gatt.

Mistoqsi kemm effettivament kien taha flus minn dawk li kien issellef minghandha, x-xhud wiegeb li ma kienx jaf ezatt, pero xi haga kien taha lura.  Qal li lil Nathaniel Gatt hu gieli kien sellfu xi flus f’ammonti zghar bhal mija, tmenin jew hamsin lira u li dejjem irrangaw bejniethom.  Qal li l-flus ta’ Alison, hu kien sellifhom lil Nathaniel Gatt waqt li kienu d-dar.  Qal li Nathaniel Gatt effettivament kien mar ghandu tlett darbiet.

Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu esibita fl-atti w iddikjara li ma kellu xejn aktar x’izid maghha.  Qal li meta Nathaniel Gatt kien hareg mill-bank dakinhar ikkonferma li kien tah envelop zda zied jghid li kien vojt u li flus ma kienx tah.  Cahad li hu kien offra lil Nathaniel Gatt biex jixtrilu xi affarijiet ghal hanut tieghu u cahad wkoll li Nathaniel Gatt kien tah elf lira biex jixtrilu xi affarijiet.

Illi nhar s-sbatax ta’ Jannar 2007 **xehdet Alison Vassallo** [fol 100] fejn qalet li lil imputat presenti fl-awla kienet tafu peress li kien l-gharus taghha. Qalet li lil Nathaniel Gatt kienet tafu peress li kien ghamel zmien gharus ta’ ohtha u kienet saret tafu f’dak z-zmien. Qalet li saret tafu qabel ma saret taf lil imputat odjern. Ziedet tghid li Nathaniel Gatt gieli mar d-dar ghandha jibki u jghid li ma kellux flus u meta kienet tistaqsih jekk ohtha kienitx taf, hu kien jghidilha li ma kienetx taf u biex ma tghidilhiex biex ma tinkwetax.

Qalet li hi gieli sellfet flus lil Nathaniel Gatt u darba minnhom fil-fatt kienet issuggerietlu jbiegh l-post li kellu. Ziedet tghid li Nathaniel Gatt kien jghidilha li l-hanut kien ser ifallih. Spjegat li l-post li kien xtara kien jiswa xi erbghin elf u hi kienet qaltlu li dak l-ammont fil-fehma taghha kien wisq ghal bniedem wahdu. Qalet li dak z-zmien ohtha kienet ghadha l-iskola u flus ma kellhiex. Qalet li hi kienet sellfet flus lil Nathaniel Gatt u dan baqa ma hallashiex lura kollox. Ix-xhud qalet li Nathaniel Gatt kien jghidilha li l-flus riedhom minghand l-imputat u hi kienet tghidlu ‘mela Mark tak xi flus!’ pero hu kien jghidilha li dik il-bicca xoghol ma kienetx ser tieqaf hemmhekk.

Mistoqsija jekk effettivament l-imputat kienx ta flus lil Nathaniel Gatt, ix-xhud wiegbet li ma kienetx taf, ghax quddiemha flus qatt ma tah l-imputat. Mistoqsija x’relazzjoni kien hemm bejn Nathaniel Gatt u l-imputat, x-xhud wiegbet li kienet wahda tajba tant li Nathaniel Gatt anke d-dar kien imur ghandhom u gieli marru jieklu flimkien ma ohtha u l-imputat. Qalet li darba minnhom Nathaniel Gatt kien qalilha li kellu jiehu elfejn lira minghand Zonqor Point u li kellha tghaqqad grupp u jmorru jieklu hemm minflok ma jithallas hu.

Qalet li Nathaniel Gatt baqa jsegwi lil imputat u jghidlu li ried l-flus minghandu. Qalet li sussegwentement kien baghat ghalihom l-Ispettur. Qalet li kemm il-darba semghet lil imputat jghid lil Nathaniel Gatt biex jaghtih l-flus lura li hi kienet sellfitu u kien jibghat lil imputat jigborlu xi flus. Qalet li gieli wkoll semghet lil Nathaniel Gatt jitlob lil imputat xi flus li kien gabarlu. Ziedet tghid li darba

minnhom Nathaniel Gatt kien gab cavetta u kien talab lil imputat biex jikru vann biex imur jigbor xi makkinarju minn xi post bil-lejl, li fil-fehma taghha, kien ser jisraq dan l-apparat u meta hi staqsietu ghaliex kien ser jaghmel hekk, Nathaniel Gatt kien wegibha li peress li ma kienx thallas ta' xoghol li kien tah. Ix-xhud stqarret li hi ma kienetx taf li kien hemm xi negozju bejniethom biex jixtru xi xorb.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccata b'zewg versjonijiet tal-fatti rigward r-relazzjoni li kien hemm bejn l-imputat u Nathaniel Gatt, dik proposta mill-kwerelanti l-allegat vittma Nathaniel Gatt u cioe li huwa ghadda 'l fuq minn sitt elef lira lil imputat u dik moghtija mill-imputat fejn innega li huwa kien approprja ruhu minn xi flejjes moghtija lilu minn Gatt u li kien wkoll iddefrodah.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li kollox jiddependi fuq kredibilita tax-xhieda u dan billi bhala gudikant, il-Qorti sejra taghti qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hiex kostanti u ta' fatizzi ohra tax-xhieda taghhom u jekk x-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni ferm aktar favorevoli minn Qrati ohra meta tigi sabiex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk kienet f'posizzjoni, wara li semghet x-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hi stess li kkonstatathom x'interess setgha kellu xi xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu kif gie allegat mid-difiza, li jekk l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera stante li tali konflitt, ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero huwa veru wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' April, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Graham Ducker** li;

"*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt; whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*".

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar prova sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - Vol III Kap IV- pg. 234- Ediz 1890 -

"*Il cosi detto onero della prova cioe il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ressqet wkoll provi indizzjari u cirkostanzjali sabiex jikkolloboraw x-xhieda moghtija mill-imputat. Kif dejjem gie ritenut (vide **Il-Pulizija v Jason Lee Borg *deciza nhar l-hmistax ta' Gunju 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali***) provi indizzjarji ghandhom ikunu univoci cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat, u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ressqet lil Nathaniel Gatt li rega' rrakkonta dak li kien ghadda minnu minhabba l-agir frawdolenti tal-imputat. Spjega fid-dettall dak li kien qal lil Ispettur Joseph Cordina qabel ma xehed viva voce l-Qorti. Illi ma hemmx dubbju li x-xhud deher attendibbli f'dak li qal.

Il-prosekuzzjoni esibit l-okkorrenza li saret fl-ghassa tal-pulizija tal-Hal Kirkop fejn Nathaniel Gatt kien irrapport li l-imputat kien heddu u sahansitra anke rrapporta li kien iddefrodah u skond ma xehed PS 739 Michael Borg, l-imputat kien skuza ruhu ghal agir tieghu.

L-imputat, meta xehed l-Qorti m'ghamel ebda referenza ghal dan l-incident u ma cahadx dak li qal PS 739 Michael Borg dwaru.

L-imputat, wkoll fl-istqarrija tieghu, gie mistoqsi jekk qattx mar ma Nathaniel Gatt f'bank jigbed xi flus u wara li gibed l-flus, Nathaniel Gatt ghadda l-envelopp barra l-bank f'B'Bugia, l-imputat wiegeb li ma kienx minnu. Pero x-xhud mressqa Alison Vassallo tghid li tiftakar li darba minnhom kienet rat lil Nathaniel Gatt hiereg mill-bank u wara jaghti envelop lil imputat.
Dwar l-ammont ta' flus ta' tmenin lira li gabar minghand Raymond Sultana ghan-nom ta' Nathaniel Gatt minghajr ma kien awtorizzat li jaghmel hekk minn Nathaniel Gatt, l-imputat jghid li veru gabarhom hu u li allegatament tahom lil Alison Vassallo biex tghaddihom lil ohtha ghaliex Nathaniel Gatt kellu jaghtiha. Dan pero ma gie konfermat minn hadd la minn Denise Vassallo u lanqas minn Alison Vassallo.

Illi l-Qorti thoss li x-xhieda moghtija minn Nathaniel Gatt f'dawn ic-cirkostanzi hija aktar veritiera w ghandha aktar mis-sewwa u hija aktar kredibbli u din il-Qorti qed temminha fit-totalita taghha, filwaqt li qed tiskarta l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputat.

Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat kif esibita fl-atti a fol 16 et seq minn fejn jirrizulta li mis-sena 1984 sas-sena 2004, l-imputat instab hati fi tmintax l-okkazzjoni dwar diversi akkuzi fosthom fuq akkuzi ta' serq, ricettazzjoni, nuqqas t'obbidjenza lejn ordni ta' ufficjali pubblici, hsara voluntarja, ingurji, offizi fuq ufficjali pubblici, diversi reati naxxenti mill-Ordinanza tat-Traffiku, approprjazzjoni, frodi u reati naxxenti mill-ordni tal-VAT.

Illi l-imputat inghata diversi cansijiet u dan meta nghata pieni ta' multi, probation, sentenzi sospizi u sentenzi ta' prigunerija pero cio nonostante, ma tghallimx ghalkemm ghandu erbghin sena, u rega' jinsab quddiem il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni. Ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena l-imputat baqa jiffaccja l-Qrati nostrana fuq diversi akkuzi w ghalhekk din il-Qorti trid tuza l-id iebsa mieghu.

Il-Qorti rat s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar s-sebgha ta’ Marzu 2003 per Magistrat Dottor Antonio Mizzi fejn l-Ufficjal Prosekutur kienet l-allura llum Supretendent Alexandra Mamo fejn l-imputat kien gie misjub hati tar-reati ta’ frodi w approprjazzjoni indebita (piu o meno tal-istess akkuza li qed jinstab hati llum) u gie kkundannat ghal sitt xhur prigunerija. Semghet lis-Supretendent Alexandra Mamo tghid li l-imputat odjern huwa l-istess imputat f’dik s-sentenza w ghalhekk a bazi ta’ din x-xhieda, il-Qorti qed issib lil imputat odjern wkoll hati talli huwa recidiv.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li tiddikjara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 18, 308, 309, 310, 268, 269, 251, 49, 50, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat MARK LAWRENCE RIZZO hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u <u>tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ sentejn mill-lum filwaqt li tordna li z-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan l-kaz, jigi mnaqqas mill-piena karcerarja moghtija llum permezz ta’ din s-sentenza</u>.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------